QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 5 T' APRIL 2002

Avviz Nru 955/00DM

Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Doris Scerri Worley sija bil-polza u sija bil-ligi

vs

Rupert Calleja

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' seba' mija u hames liri u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm705.25,0) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti minnha fl-incident awtomobilistiku tas-16 ta' Lulju 1998 f'Msida Valley, Birkirkara, bejn il-vettura tat-tip Renault Twingo Trial Run 22 misjuqa minnhu u l-vettura numru JSW 079 misjuqa minn James P. Scerri Worley (mhux John kif erroneament indikat mill-Pulizija li investiga l-kaz) u proprjeta tal-assikurata Doris Scerri Worley, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghu minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' April 2000 u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tieghu kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Rupert Calleja fejn eccepixxa illi:

1 Preliminarjament illi ebda amont ma' huwa dovut lis-socjeta attrici billi immedjatament wara l-incident, s-sewwieq tal-vettura nru JSW 079, assikurata mas-socjeta attrici assikuratrici, mhux biss ammetta r-responsabilita ghall-incident imma wkoll hallas ghad-danni kollha subiti fil-vettura tal-konvenut u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2 Stante li kien hemm ammissjoni da parti tas-sewwieq James Scerri Worley, l-ebda amont ma huwa dovut lis-socjeta assikuratrici tieghu, u ghalhekk it-talbiet taghhom ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;
3 Bla pregudizju ghas-suespost, l-eccipjenti jirrileva illi l-incident de quo ma' garax tort tieghu, izda gara tort ta' James Scerri Worley is-sewwieq tal-vettura numru JSW 079 assikurata mas-socjeta attrici, u ghalhekk u wkoll ghal din ir-raguni it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.
4 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal-31 t'Ottubru 2001 fejn il-konvenut assistit mid-difensur tieghu jiddikjara li m'ghandux kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni izda biss dwar ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut hi bbazata fuq allegat ftehim li kien sar bejn l-assigurata tal-atturi Doris Scerri Worley u l-konvenut permezz ta' liema il-pendenzi kollha dwar din il-kollizzjoni kienu digia' gew determinati u allura l-assigurata ma kellha ebda drittijiet ulterjuri li fihom setghet tissurroga lill-atturi.

Il-provi dwar dan l-allegat ftehim jirrizultaw mid-deposizzjoni tal-erba persuni involuti. Dawn l-erba persuni ilkoll jaqblu illi wara illi saret il-kollizzjoni, li kienet tinvolvi biss u esklusivament lill-konvenut Rupert Calleja u lil bin l-assigurata James Scerri Worley, gew fuq il-post il-propjetarji tal-vetturi respettivi u cioe Doris Scerri Worley, il-propjetarja tal-vettura misjuqa minn binha James Scerri Worley, u John Pisani, il-propjetarju tal-vettura misjuqa tal-impjegat tieghu l-konvenut Rupert Calleja.

Minn dawn il-provi jirrizulta ampjament illi kull ftehim jew arrangament li sar, kien sar bejn l-istess John Pisani u l-assigurata Doris Scerri Worley. A bazi ta' dan il-ftehim li sar bejn dawn iz-zewg persuni, Doris Scerri Worley hallset is-somma ta' (Lm60) sittin lira Maltin ghas-saldu tad-danni kollha li setgha sofra John Pisani fil-vetlttura tieghu li kienet misjuqa mill-konvenut Rupert Calleja. Ma jirrizultax li sar xi

ftehim bejn id-danneggjata Doris Scerri Worley u d-dannegjant konvenut Rupert Calleja jew xi ftehim bejn id-danneggjat John Pisani u d-danneggjant James Scerri Worley.

Ghalhekk dan l-istess ftehim ma setgha qatt la jippregudika u lanqas ma setgha jibbenefika lis-sewwieqa involuti u cioe ma jistax dan il-ftehim jigi oppost mill-konvenut ghal xi azzjoni li setghet tgahmel Doris Scerri Worley kontra tieghu jew ghall-azzjoni li qieghdha tghamel illum l-assigurazzjoni kif surrogata fid-drittijiet ta' Doris Scerri Worley.

Minn-naha l-ohra ghandhu wkoll jigi rilevat illi l-pagament illi ghamlet l-assigurata tal-atturi lil John Pisani kien intiz biex jissodisfa esklussivament lill-istess John Pisani sabiex, fi kliem l-istess Doris Scerri Worley, l-istess John Pisani ma jiddisturbax lill binha James Scerri Worley u telimina kull possibilita' illi dan binha *jigi imtella l-Qorti.*

Inoltre jirrizulta wkoll illi l-istess Doris Scerri Worley waslet ghall dan il-ftehim halset dan l-ammont minghajr ma ghamlet xi verifika dwar x'kien jammonta l-valur tad-danni li sofriet il-vettura taghha, tant li kienet taht l-impressjoni li d-danni fil-vettura taghha kienu limitati ghall-ammont li kien ser jkun inqas mill-*excess* illi kienet tkun obbligata li thallas skond il-polza.

Ghalhekk anke ghalkemm dan il-ftehim ma jistax jigi ikkunsidrat bhala ftehim ta' tranzazzjoni a tenur tal-Artikolu 1718 tal-Kodici Civili billi definitivament ma sarx bil-hsieb li tigi evitata xi kawza digia' pprospettata, l-istess ftehim ma John Pisani sar zgur taht l-impressjoni zbaljata illi d-danni li garbet il-vettura tal-assigurata mal-atturi kienu inqas minn Lm150 (mija u hamsin lira Maltin).

Ghaldaqstant il-Qorti tirrespingi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni fejn gie allegat illi s-sewwieq tal-vettura tal-assigurata tal-atturi kien ammetta r-responsabbilta tieghu ghall-kollizjoni, ghandhu jinghadd illi ma jirrizulta minn m'kien illi l-istess James Scerri Worley kien ammetta r-responsabbilta; il-pagament li ghamlet Doris Scerri Worley, minghajr l-adezjoni ta binha, ma jistax jigi interpretat bhala ammissjoni tar-responsabilita' da parti tas-sewwieq tal-vettura taghha.

Fil-mertu jirrizulta illi s-sewwieq tal-vettura tal-assigurata tal-atturi kien qed isuq fi triq principali fuq in-naha tieghu tat-triq b'vetturi pparkjati fuq in-naha tax-xellug tieghu u jirrizulta wkoll illi l-konvenut kien hiereg minn go triq laterali fuq in-naha tax-xellug tas-sewwieq tal-vettura l-ohra u nvada l-karreggjata tal-istess James Scerri Worley.

Mid-deposizzjoni ta' Rupert Calleja stess, li ddikjara illi huwa qabel ma hareg biex invada l-karreggjata ta' James Scerri Worley kien hares u hareg biss fi triq principali meta iccertifika li ma kien gej hadd, jirrizulta ampjament nuqqas ta' *'a proper look out'* billi Valley Road, il-post ta' dan l-incident tofri vizwali fit-tul, hija triq wisa u ghad-dritt u l-konvenut ma setghax ma jarax lil dik il-vettura li effettivament kienet hemm kieki ezercita grad minimu ta attenzjoni u ha l-prekawzjonijiet necessarji.

Ghaldaqstant issib illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u ghalhekk jrid jghamel tajjeb ghad-danni kollha risultanti liema danni gew ikkwantifikati fis-somma ta' seba' mija u hames liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm705.25), liema *quantum* mhux qieghed jigi ikkontestat mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, jhallas lill-atturi is-somma mitluba ta' seba' mija u hames liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm705.25); bl-imghax legali b'effett mill-24 ta' Lulju 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ30